**17 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Elia Vella

*versus*

Ġużeppi Dimech

**Azzjoni *"Ex Delicto"* – Danni – Responsabbilità**

*L-attur fittex għal ħsara li kien sofra fir-raba' u l-uċuħ tiegħu.*

*Il-Qorti sabet illi r-responsabbilità kienet tal-konvenut u kkundannatu jħallas id-danni hekk likwikdati.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attur għandu raba' bi qbiela fil-limiti ta' Għajn Tuffieħa li huwa jikkoltiva regolarment;

Premess li l-konvenut jabita f'razzett viċin l-istess imsemmija raba' mqabbla għand l-attur, u bi ksur tad-drittijiet ta' l-attur kien jgħaddi hu bil-bhejjem tiegħu (klieb u ngħaġ) minn din l-istess raba' fuq imsemmija;

Premess li fil-kors ta' din l-azzjoni da parti tiegħu, il-konvenut ikkaġuna danni lill-attur konsistenti fi ħsara fil-prodott li l-attur ikkoltiva minn żmien għal żmien fl-istess raba', fis-sens illi parti mill-prodott ġie mgħaffeġ u parti oħra ġiet mikula u meqruda mill-istess bhejjem tal-konvenut;

Premess li nonostante illi l-attur talab u ddefida ripetutament lill-konvenut biex jiddesisti milli jgħaddi minn din ir-raba' illegalment il-konvenut baqa' jippersisti bl-aġir illegali sa ċirka sitt xhur ilu;

Talab għalhekk l-atturi lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut huwa responsabbli għall-ħsara kkaġunata lill-prodott ta' l-attur li kien ikkoltivat fir-

raba' mqabbla li għandu limiti ta' Għajn Tuffieħa, peress illi l-konvenut ripetutament għadda illegalment mill-istess raba' flimkien mal-bhejjem tiegħu u fil-kors ta' din l-azzjoni l-istess bhejjem qerdu parti mill-prodott hemm miżrugħ kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk responsabbli wkoll għall-konsegwenzi danni sofferti mill-attur konsistenti fil-valur tal-prodott hekk meqrud u t-telf tal-profitt li l-attur kien jagħmel kieku biegħ dan il-prodott;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in forza tat-tieni domanda ta' din iċ-ċitazzjoni, bħala rappreżentanti l-ammont ta' danni kkaġunati mill-konvenut lill-attur kif fuq spjegati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Giuseppi Dimech fejn eċċepixxa bir-rispett:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li mhux minnu li l-eċċipjent għadda bil-bhejjem (klieb u nagħaġ) minn fuq ir-raba' ta' l-attur u kkaġunalu xi ħsara;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat ir-relazzjoni peritali li ġiet ippreżentata mill-perit legali u n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur;

Ikkunsidart illi kif irrelata l-perit legali illi l-azzjoni esperita mill-attur hija dik allegatament naxxenti *ex delicto* kif ikkontemplata fl-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili: kull min bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk. L-artikolu sussegwenti jgħid ukoll illi kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Kif ikkostata wkoll l-abili relatur f'para. IV taħt "Konsiderazzjonijiet Legali" (a fol. 88 tal-proċess), f'azzjoni bħal din għall-ħlas ta' danni, l-attur irid jipprova:

1. Fl-ewwel lok l-eżistenza tad-danni; u

2. Ir-responsabbilità tal-konvenut għal dawn id-danni;

Dwar it-tieni rekwiżit, ir-responsabbilità tista' tkun dovuta għall-att doluż jekk min jagħmel id-danni jkun qed jagħmilhom *volontarjament*, jew għall-att kolpuż ta' *culpa* jekk min jagħmilhom ikun għamilhom involontarjament, però ma jkunx uża d-diliġenza neċessarja meta wieħed jaġixxi bħala *bonus paterfamilias* (art. 1032, para. 12);

Il-provi kienu jikkonsistu prinċipalment fid-deposizzjonijiet ta' xhieda prodotti miż-żewġ naħat. Numerikament kien hemm aktar xhieda fuq il-parti tal-konvenut li ċaħdu dak li ġie allegat

mill-attur u x-xiehda tiegħu, kif irrileva l-perit legali però n-numru tax-xhieda *in se* mhix prova konklużiva għaliex *non numerantur sed ponderantur* għandha tkun in-norma applikabbli f'dik li hija apprezzament tax-xhieda. Fl-istess waqt però jinkombi maġġornment fuq l-attur illi jipprova dik li qiegħed jallega, ta' lanqas fuq bażi ta' probabilità;

Il-perit legali kkonkluda li bħala fatt ġie stabbilit illi l-attur tassew sofra ħsara fir-raba' tiegħu'';

*Omissis;*

Apparti li l-fatti ġew ikkontestati mill-konvenut u x-xiehda tiegħu, il-perit legali jgħid li l-konklużjoni tiegħu wasal għaliha minħabba inkonsistenzi f'dak li ddeponew l-attur u wliedu. Wieħed mill-eżempji li ġab kien dak illi mentri fl-att taċ-ċitazzjoni jgħid illi kien il-konvenut innifsu li kien jgħaddi bil-bhejjem, fil-kawża xehed mod ieħor u jgħid li mhux il-konvenut kien imma martu. Fil-fehma tal-Qorti din mhix xi inkonsistenza li għandha neċessarjament tiskredita t-teżi ta' l-attur. Anzi l-istess ''żball'' jirrepetieh il-konvenut stess meta l-ewwel xehed illi kien jgħaddi hu bin-nagħaġ imbagħad qal li proprjament martu kienet tagħmel hekk. Li ma ġiex rilevat mill-perit legali huwa l-fatt illi ġie ppruvat illi **l-unika persuna** li kellha nagħaġ jimirħu f'dawk in-naħat kien il-konvenut u ħadd iżjed. Il-konvenut u wliedu ppruvaw jagħtu l-impressjoni li kien hemm bhejjem sija ta' l-attur stess (fatt mhux ippruvat għax il-bhejjem ta' l-attur li kellu kien fi żmien anteċedenti għall-inċident) u li setgħu kienu bhejjem ta' xi ħadd mhux ippreċiżat mill-Mellieħa. Barra minn dan, irriżulta illi mart il-konvenut, li kienet toħroġ in-nagħaġ, kienet tħallihom waħidhom il-ġurnata kollha u hija kienet tirritorna lejn darha. Ma ġewx kontradetti wlied l-attur meta dawn xehdu

kif kellhom ikeċċu nagħaġ tal-konvenut mir-raba' ta' missierhom. Lanqas ma huwa verosimili illi l-ħsara tiġi kkaġonata mill-attur stess fuq proprjetà tiegħu;

Għalhekk, il-Qorti, ma taqbilx mal-konklużjoni milħuqa mill-perit legali billi jidhrilha li l-ħtija għad-danni rreklamati mill-attur kienu attribwibbli għall-konvenut li għandu għalhekk jirrispondi għaliha;

Dwar il-"*quantum*" tad-danni, l-attur għamel prospett, li kkonfermah bil-ġurament, dwar il-pretensjoni tiegħu versu l-ammont globali ta' mija u ħamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00,0) – ara Dok. ST a fol. 97. Dan il-prospett ma ġiex ikkontestat. Il-Qorti però jidhrilha illi l-ammont irreklamat ta' Lm10 għal tiswija fil-mutur tal-ħart m'għandux jiddaħħal fil-kont għax ma jirriżultax ness konvinċenti bejn il-ħsarat ta' l-attur u l-ħsara riportata f'dan il-mutur. Għalhekk it-total ta' danni fir-raba' ta' l-attur jammonta għal mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm125);

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tirrespongi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotti, tillikwida l-ammont ta' danni dovuti lill-attur kif fuq ingħad versu l-ammont ta' Lm125 u tikklundanna lill-*konvenut li jħallas dak l-ammont bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji* kontra l-konvenut.